**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 248/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Christina Delia)**

**-Vs-**

**KARAM BEN ARUS**

**Illum, 21 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat illi **KARUS BEN ARAM** ta' 35 sena, imwieled il-Libya nhar is-27 ta' Diċembeu 1985, iben Bubakar u Rukaia nee' Al Behte, residenti George Hotel, Rm 602, Triq Dragonara, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' numru 147167A u Refugee Nru. 17136, tressaq quddiemha akkuzat talli fil-11 ta' Marzu 2021 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u l-ħdax ta' filgħodu (10:00hrs u 11:00hrs) ġewwa Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar:-

1. Ikkometta serq ta' flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-valur liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u ghoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan a detriment ta' Mark u Vincent Gauci u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba titratta lill-imputat baħal reċidiv ai termini tal-aretikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija għal reati fuq imsemmija u jekk jidhrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mil-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fis-26 ta' April 2021 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-parti leża Mark Gauci, li ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri permezz ta' nota ppreżentata fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2022, jiddikjara waqt l-istess seduta illi l-ammont misruq huwa ta' erba' mija u ħamsin Euro (€450);

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2022, l-Ufficjal Prosekutur qrat u halfet l-akkuzi bil-gurament;

Semghet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li huwa hati;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-

difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghar-reati li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat li gie mixli bih.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura serja tar-reat u wkoll il-fatt illi jirrizulta mill-fedina penali tal-imputat li huwa mhux gdid ghall-kriminalita` u diga` nstab hati ta' delitt ieħor tant illi ammetta li huwa reċidiv.

Fl-istess waqt il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi, kif ġie sottomess waqt it-trattazzjoni u kif jirriżulta wkoll mill-istqarrija tiegħu, l-imputat dak iż-żmien ma kellux saqaf fuq rasu u lanqas kellu flus biex iħallas kera u kien proprju din il-qagħda finanzjarja tiegħu li wasslu biex jisraq il-flus kontanti mingħand Ta' Gauci Poultry. Kemm hu hekk, l-imputat stqarr ukoll li mar hemmhekk proprju biex isib xogħol iżda spiċċa minflok seraq il-flus li ra fuq skrivanija fl-uffiċċju. Ghalkemm il-Qorti tifhem l-istat pjetuż li kien jinsab fih l-imputat dak iż-żmien, tqis ukoll li hi x'inhi r-raguni ghaliex gie kommess dan ir-reat, is-serq ma huwa qatt gustifikabbli u r-raguni moghtija mid-difiza zgur li ma tistax isservi bhala xi attenwanti. Madanakollu, fl-istess waqt il-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-imputat ikkoopera bis-sħiħ waqt l-invesitgazzjoni u ammetta l-ħtija tiegħu minnufih. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li huwa laħaq ħallas lura lill-

parti leża l-ammont kollu għajr għas-somma ta' ħamsin Euro (€50) qabel illum u wera sogħba għal egħmilu. Minn dak li ġie sottomess waqt it-trattazzjoni jidher ukoll li l-imputata qabad it-triq it-tajba u ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li għandha timponi piena fil-minimum u tqis ukoll li piena karċerarja effettiva ma tkunx idonea fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Huwa minnu li l-imputat ammetta li huwa reċidiv ukoll għall-fini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 iżda fl-istess waqt il-Qorti ma għandhiex quddiemha prova tas-sentenza li imponiet din il-piena li dwarha l-imputat ammetta li huwa reċidiv u konsegwentement fiċ-ċirkostanzi mhijiex sejra tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil KARAM BEN ARUS ħati l-imputazzjoni miġjuba kontrih kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah ħames (5) xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sena mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Wara li rat l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil KARAM BEN ARUS jirrestitwixxi lill-parti offiza Mark Gauci is-somma ta' ħamsin Euro (€50), liema hlas ghandu jsir fi zmien mhux aktar tard minn xahar mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) u 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija u/jew jekk ikun hemm nuqqas ta' konformita` mal-ordni mahrug bis-sahha tal-Artikolu 28H.**

**Billi applikat il-provvedimenti tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-ħati, qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikoklu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza titbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**